MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 57/2005/1

**Dennis Thompson**

**v.**

**Therese Spiteri, Mario Bonello,**
**l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores**
**u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati**
**kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri**
**Timothy Bonello,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni presentata mill-attur li tghid hekk;
"Peress illi matul dawn l-ahhar tmien snin, l-attur kellu relazzjoni intima mal-konvenuta, illi hija mara legalment separata;

"Peress illi l-konvenuta welldet tifel, li llum ghandu sebgha snin, illi nghata l-isem ta' Timothy;

"Peress illi l-imsemmi minuri Timothy gie registrat fl-Att tat-Twelid relattiv bhala iben il-konvenut Mario Bonello, zewg il-konvenuta;

"Peress illi l-konvenuta stqarret ripetutament ma' l-attur illi, nonostante tali dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid relattiv, il-minuri Timothy huwa fil-fatt iben l-attur u sahansitra kemm hi u l-konvenut Mario Bonello ghamlu dikjarazzjoni guramentata quddiem in-Nutar Rachelle Farrugia li l-minuri Timothy huwa iben l-attur;

"Peress illi nonostante tali stat ta' fatt, il-konvenuta ma haditx il-passi necessarji sabiex isir it-tibdil necessarju fl-Att tat-Twelid tal-minuri.

"Tghid il-konvenuta ghaliex dina l-Qorti m' ghandhiex:

"1. Prevja kull procedura li tista' tigi ordnata minn dina l-Qorti ghal skopijiet ta' accertazzjoni xjentifika, tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Timothy kif fuq premess;

"2. Tordna li l-Att tat-Twelid jigi korrett b' dan li bhala l-missier tal-minuri Timothy jigi indikat l-attur Dennis Thompson u kunjom il-minuri jkun dak ta' Thompson.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenutI li in forza taghha eccepew illi:

“1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur Dennis Thompson ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

“3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem “the said” jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

“4. Illi ghandu jigi specifikat in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Att tat-Twelid in kwistjonifit-talbiet attrici li huwa 180 tas-sena 1997.

“5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

“7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Dr. Stephanie Galea ghan-nom tal-konvenut minuri Timothy Bonello (fol. 42) li in forza taghha eccepiet illi
"Illi l-esponenti mhix edotta mill-fatt kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk tirrimetti ruhha ghad-dettalji u prova kif ghad jigu moghtija lilha personalment mill-minuri innifsu, Timothy Bonello, kif ukoll mix-xhieda l-ohra indikati.

"Illi wara li tkun tkellmet ma’ l-istess minuri u x-xhieda l-ohra, l-esponenti ser tipprezenta rapport fl-ahjar interessi tal-minuri.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet (ulterjuri) tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores et nomine (fol. 52), li in forza taghha eccepew;
“1. Illi huma ma jafux il-fatti li wasslu ghal din il-kawza;

“2. Illi b’ dan kollu jidher li l-kawza attrici ma tistax triegi billi kawza bhal din tmiss biss lill-minuri Timothy Bonello.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-konvenut Mario Bonello li biha ammetta t-talbiet attrici;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fl-20 ta’ Marzu, 2007, li ddecidiet il-kawza fis-sens li wara li laqghet it-tieni eccezzjoni tal-kuraturi deputati Dott. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Buhagiar, illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez jibqghu a kariku ta’ l-attur;

Dik il-Qorti tat is-setenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghat-tieni eccezzjoni sollevata mill-kuraturi deputati u li hi testwalment taqra hekk: ‘li l-kawza attrici ma tistax treggi billi kawza bhal din tmiss biss lill-minuri Timothy Bonello.’ [fol.52].

"Illi l-fatti relevanti ghall-vertenza in disamina huma dawn. Wara li l-konvenuta Therese Spiteri sseparat de facto minn ma’ zewgha l-konvenut Mario Bonello, hija dahhlet f’ relazzjoni ma’ l-attur bir-rizultat li twieled il-minuri TIMOTHY li, in forza tal-prezunzjoni legali kontemplata fl-artikolu 67 tal-Kap.16, gie registrat bhala t-tifel tal-konvenut Mario Bonello. L-attur ressaq elementi ta’ provi

biex juri li l-minuri huwa l-wild tieghu u mhux tal-konvenut Bonello.

"Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri Timothy Bonello huwa l-wild naturali tieghu, u ghalhekk insitu f’ din id-domanda huma l-attakk ghall-legittimita’ ta’ l-istess minuri; u wkoll talab l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri.

"Illi in subjecta materja l-posizzjoni legali prezenti kif pronuncjata mill-gurisprudenza interpretattiva *[vide App.Carmen Zammit vs Wail Dadouch deciz 19 April 2005 u kazistika hemm citata]* hija fis-sens li l-Kodici Civili jikkontempla tlett xorta ta’ azzjonijiet fuq il-filjazzjoni naturali: dik ta’ denegata paternita` kontemplata fl-artikolu 70; dik ta’ impunjazzjoni tal-filjazzjoni kontemplata fl-artikolu 77 u dik ta’ tfittxija u reklam ta’ paternita` kontemplata fid-disposizzjonijiet kontemplati fis-sub titolu II tat-Titolu II ta’ l-Ewwel Ktieb.

"Illi, filwaqt li l-ewwel azzjoni tmiss biss lil zewg l-omm u lil eredi tieghu [art.70 u 74], t-tieni azzjoni bazata fuq l-artikolu 77 tmiss lil ‘kull min ikollu interess’ u, fiz-zewg azzjonijiet kemm l-omm kif ukoll it-tifel iridu jkunu konvenuti. It-tielet azzjoni, minn naha l-ohra, tispetta biss lit-tifel li allura ma jistax ikun konvenut fiha, imma biss attur, anke jekk rappresentat minn kuratur ad litem.

"Mill-premess isegwi li missier it-tifel, li ma jkunx zewg l-omm, bhala persuna li ghandhu interess attwali u guridiku, jista’ jagixxi biss taht l-artikolu 77 biex jattakka l-legittimita` tal-wild tieghu, liema kawza ghandha tingieb kemm kontra l-omm kif ukoll kontra l-istess tifel bhala konvenuti sabiex dawn ikunu jistghu jiddefendu l-interessi rispettivi taghhom; u mhuwiex legalment permess li l-missier naturali jippromuovi azzjoni taht is-sub artikolu II titolu II ta’ l-Ewwel Ktieb biex jipprova l-paternita` tieghu, ghax din l-azzjoni tispetta biss lit-tifel bhala attur, u mhux bhala konvenut.

"Ghaldaqstant z-zewg azzjonijiet ma jistghux jigu proposti fl-istess proceduri f' kawza wahda, kif ghamel l-attur fil-kawza odjerna, fejn, talab li hu jigi dikjarat il-missier naturali tal-minuri Timothy, liema talba tinvolvi wkoll l-impunjazzjoni ta' l-istat legittimu tal-minuri; ghax it-tifel ma jistax ikun attur u konvenut fl-istess kawza.

"Illi in vista u in bazi tal-premess l-azzjoni odjerna kif proposta hija rritwali u hija proceduralment u legalment insostenibbli."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur minnu pprezentat fit-3 ta' April 2007, li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab it-thassir u r-revoka tas-sentenza appellata u c-cahda ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti (talba biex jigu milqugha t-talbiet ta' l-attur kontenuti fic-citazzjoni tieghu ma saretx, pero`, dan jidher li hu l-intendiment wara r-rikors ta' l-appell tieghu);

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu c-cahda ta' l-appell u l-konferma tas-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant;

Rat ir-risposta tal-konvenuta Therese Spiteri li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet hi wkoll ic-cahda ta' l-appell u l-konferma tas-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2007;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza fejn l-attur, li kellu relazzjoni intima mal-konvenuta Therese Spiteri, qed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li twieldet fil-15 ta' Dicembru, 1997, mill-istess Therese Spiteri, hija ibnu u mhux iben ir-ragel ta' Therese Spiteri, il-konvenut Mario Bonello. Mit-testijiet tal-paternita` li saru mill-espert imqabbad mill-istess attur biex jirrelata dwar il-fondatezza ta' l-allegazzjoni tieghu, il-

probbabbilita` li l-attur hu l-missier naturali tal-minuri hu ta' 99.9999%. Jirrizulta wkoll li omm it-tarbija u zewgha huma separati legalment b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia fis-27 ta' Novembru, 1997. Il-konjugi Bonello qablu li l-minuri Timothy Dennis mhux wild li twieled minn relazzjoni li huma kellhom flimkien.

Nonostante dawn ir-rizultanzi, l-ewwel Qorti cahdet it-talba ta' l-attur peress li dan, bhala l-allegat missier naturali tal-minuri, ma jistax jagixxi gudizzjarjament biex jitlob dikjarazzjoni tal-paternita` tieghu u, f'kull kaz, ma ppruvax dak li hu rikjest bil-ligi biex jitlob dikjarazzjoni tal-paternita` tieghu.

Din il-Qorti spjegat il-posizzjoni fir-rigward ta' azzjoni simili fis-sentenza ricensuri taghha fl-ismijiet "**Marco Vella v. Pauline Cassar et**", deciza fil-25 ta' Mejju, 2007, u ma tarax il-htiega li toqghod tirrepeti l-posizzjoni li tohrog mil-ligi u mill-gurisprudenza rigward il-materja in ezami. F'dik is-sentenza, li fiha saret ampja referenza ghall-gurisprudenza anterjuri, gie kkonfermat li l-missier naturali ta' tarbija m'ghandux azzjoni ta' reklam ta' paternita`, fil-waqt li, bhala persuna altament interessata, ghandu azzjoni biex jimpunja l-legettimita` ta' tifel, a bazi ta' dak li hu provdut fl-artikoli 76 u 77 tal-Kodici Civili, jekk jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilta` fizika, assoluta u materjali, li jghammar ma' martu, liema impossibilita`, kif intwera, trid tkun wahda fizika u mhux biss morali.

L-attur, f'din il-kawza, qed jirreklama l-paternita` tieghu tal-minuri, izda ladarba jirrizulta li hu ma ghandux ghad-disposizzjoni tieghu din l-azzjoni, u l-Qorti hi marbuta bit-talbiet kif proposti minnu, ma ghandhiex triq ohra hlief li, kif ghamlet l-ewwel Qorti, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Kif gie osservat fil-kawza fl-ismijiet "**Carmela Mangion proprio et nomine v. Paolo Mangion**" deciza fl-10 ta' Awissu, 1956, minn din il-Qorti "*Mhux lecitu li l-kawzali fic-citazzjoni tigi mibdula, fil-Qrati Superjuri; u jekk il-Qorti*

*tiddeciedi fuq kawzali diversa, id-decizjoni taghha tkun extra petita. Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda u s-sentenza ghandha tkun konformi mad-domanda*" (ara wkoll sentenzi riportati fil-Volum XXXIII.i.748 U XXX.ii.137).

Il-Qorti trid tirrimarka li, apparti s-suespost, mill-provi prodotti, ma jirrizultax li l-konvenut Mario Bonello kien fl-impossibbilita` fizika li jikkoabita ma' martu kif kontemplat fl-Artikolu 77 fis-sens li dik l-impossibbilita` giet interpretata fil-kazistika u fid-duttrina.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tichad l-istess appell u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------